



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 146/23

Il-Lussemburgu, 27 ta' Settembru 2023

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Dħul fil-kariga ta' żewġ membri ġodda tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2023, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ħatru, bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu bejn l-20 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2025, lil Saulius Lukas Kalėda, bħala sostitut għal Virgilijus Valančius, u, għall-perijodu bejn l-20 ta' Settembru 2023 u l-31 ta' Awwissu 2028, lil Louise Spangsberg Grønfeldt, bħala sostitut għal Sten Frimodt Nielsen.

Fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga tal-Membri l-ġodda, illum ser tinżamm udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-udjenza solenni ser tiġi trażmessa b'mod dirett f'12:00 fis-sit aċċessibbli fuq din il-link:

https://curia.europa.eu/jcms/jcms/p1_3986683/

Curriculum vitae tal-Membri l-ġodda

Saulius Lukas Kalėda

Imwieled fl-1976 fi Kraków (il-Polonja), fl-1999 Saulius Lukas Kalėda kiseb diploma fid-dritt mill-Vilniaus universitetas (l-Università ta' Vilnius, il-Litwanja), u sussegwentement, fl-2000, diploma ta' masters miz-Zentrum für Europäische Integrationsforschung tal-Universität Bonn (l-Università ta' Bonn, il-Ġermanja), kif ukoll, fl-2002, dottorat fid-dritt mill-Uniwersytet Jagielloński (l-Università Jagiellon ta' Kraków).

Fl-1998, S. L. Kalėda beda l-karriera professjonali tiegħu bħala ġurist fl-Uffiċċju ta' Sorveljanza tas-Settur tal-Assigurazzjonijiet tal-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja. Bejn l-2002 u l-2003, matul in-negozjati ta' adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, huwa eżerċita l-funzjonijiet ta' espert ikkonfermat tad-dipartiment tad-dritt Ewropew tal-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja. Sussegwentement mill-2003 sal-2004 huwa nġhaqad, bħala ġurist, mad-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern tal-Kummissjoni Ewropea.

Bejn l-2004 u l-2013, S. L. Kalėda eżerċita l-funzjoni ta' référendaire mal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Imħallef Vilenas Vadapalas, u sussegwentement f'dak tal-Imħallef Egidijus Bieliūnas. Fl-2013, huwa nġhaqad mal-Qorti tal-Ġustizzja bħala référendaire mal-Avukat Ġenerali Maciej Szpunar. Bejn l-2017 u l-2023, huwa eżerċita l-funzjonijiet ta' membru tas-servizz legali tal-Kummissjoni Ewropea. Bħala aġent, huwa rrappreżenta lill-Kummissjoni f'numru kbir ta' kawżi quddiem il-Qrati tal-Unjoni.

S. L. Kalėda ddedika ruħu wkoll għall-attivitàjiet universitarji, bħala lettur mal-Vilniaus universitetas, mill-2002 sal-2003 kif ukoll fl-2011. Sa mill-2013, huwa jagħti korsijiet fl-Uniwersytet Jagielloński. S. L. Kalėda huwa awtur ta' diversi publikazzjonijiet dwar id-dritt istituzzjonali u proċedurali tal-Unjoni.

Louise Spangsberg Grønfeldt

Imwiela fl-1980 fl-shøj (id-Danimarka), fl-2004 Louise Spangsberg Grønfeldt kisbet diploma fid-dritt, u sussegwentement, fl-2007, diploma ta' masters fid-dritt mill-Københavns Universitet (l-Università ta' Kopenhagen, id-Danimarka). Fl-2007 hija kisbet ukoll diploma ta' masters mill-collège d'Europe (il-Belġju). Fl-2012 hija ġiet ammassa bħala avukat fid-Danimarka.

L. Spangsberg Grønfeldt bdiet il-karriera professjonali tagħha fl-2007 bħala avukat bi prova u eżerċitat dawn il-funzjonijiet sal-2009. Matul dan il-perijodu hija għallmet ukoll id-dritt tal-Unjoni fil-Københavns Universitet, l-ewwel bħala lettriċi u wara bħala lettriċi anzjana.

Mill-2009 sal-2013, hija ngħaqdet mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bħala ġurista lingwista.

Bejn l-2013 u l-2016, L. Spangsberg Grønfeldt kienet membru tas-servizz legali tal-Kummissjoni Ewropea, fi ħdan it-tim Baġit. Sussegwentement hija eżerċitat il-funzjonijiet ta' référendaire mal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Imħallef Jesper Svenningsen sal-2018. Fi tmiem l-2018 hija reġgħet ingħaqdet mas-servizz legali tal-Kummissjoni Ewropea (tim Għajnuna mill-Istat), qabel ma nħatret, fl-2019, membru tal-uffiċċju ta' Margrethe Vestager, Viċi President eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea. Minn tmiem is-sena 2020 sal-2023, hija ħadmet fi ħdan it-tim Ġustizzja u Affarijiet Interni tas-servizz legali tal-Kummissjoni Ewropea.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

